# Reġjun Nofsinhar

Pjan ta' Ħidma

2020 – 2022

# Kontenut

1.0 Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni
2.0 Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri
3.0 Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji
4.0 Struttura u Organizzazzjoni
5.0 Tbassir Finanzjarju
6.0 Żvilupp Kapitali

# 1.0 Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Dan il-pjan ta' ħidma għandu jagħtina direzzjoni 'l quddiem biex inkomplu ntejbu l-ħidma ta' Reġjun Nofsinhar għall-ġid tal-komunità fil-lokalitajiet li jiffurmaw dan ir-Reġjun.

B'sodisfazzjoni nistgħu ngħidu li l-miri li kellu Reġjun Nofsinhar fil-pjan ta' ħidma għas-sena li għadha kif intemmet intlaħqu u ninsabu f'pożizzjoni li nfasslu pjan ta' ħidma aktar wiesa' biex naspiraw għal miri ġodda konformi mal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali elenkati f'Artikolu 37B.

L-impenji prinċipali tagħna :

- Nipproteġu l-ambjent naturali u l-ambjent urban fil-lokalitajiet tar-Reġjun u nieħdu l-miżuri neċessarji biex nindirizzaw l-enerġija b'mod sostenibbli, l-iskart u t-tibdil fil-klima.
- Infurzar lokali permezz ta' servizz ta' Uffiċjali tal-Komunità fil-lokalitajiet tar-Reġjun.
- Insostnu attivitajiet kulturali kemm dawk organizzati mir-Reġjun, kif ukoll dawk organizzati mil-lokalitajiet tar-Reġjun.
- Inkunu ta' spalla fil-ħidma tal-Kunsilli Lokali li jiffurmaw parti mir-Reġjun u noffru assistenza fl-għoti tas-servizzi fil-qasam ambjentali, soċjali, kulturali, turistiku u tat-teknoloġija tal-informatika.
- Nikkoordinaw mal-Kunsilli Lokali f'inizjattivi sportivi u edukattivi.
- Nikkoordinaw ma' Ministeri, Dipartimenti, Entitajiet Governattivi, NGOs u setturi oħra f'ħidma konġunta biex niffaċilitaw il-ħidma tal-Kunsilli Lokali
- Noffru assistenza lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex jibbenefikaw u jimmaniġġjaw programmi finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea.
- Naħdmu favur l-għaqda u r-rispett bejn ir-residenti fil-komunitajiet tar-Reġjun.
- Naħdmu għal kwalità ta' ħajja aħjar fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

L-attività kulturali prinċipali ta' Reġjun Nofsinhar tibqa' tkun Festa Nar li matul is-snin kompliet iżżid fil-popolarità mhux biss mad-dilettanti tal-proteknika imma wkoll mal-pubbliku inġenerali. Dan wassalna biex inkomplu nkabbru din l-attività minn sena għal oħra.

Madanakollu rridu nwessgħu l-ħidma Reġjonali f'setturi oħra fosthom dawk sportivi, ambjentali u edukattivi. NixtieqU nerġgħu nibdew norganizzaw SportsFest wara nuqqas ta' xi snin filwaqt li naħdmu flimkien mas-Soċjetajiet Mużikali fir-Reġjun biex norganizzaw attività fuq bażi reġjonali flimkien. Se nippruvaw nikkoordinaw f'inizjattivi edukattivi fil-lokalitajiet tar-Reġjun biex ngħinu lir-residenti jgħollu l-livell edukattiv tagħhom u jtejbu l-ħiliet tagħhom. Nemmnu li jekk il-Kunsill Reġjonali jaħdem b'mod kollettiv għal dan il-għan, jirnexxilna naslu għal dawn il-miri u b'hekk inkunu qed intejbu l-ħajja tar-residenti fil-komunitajiet ta' Reġjun Nofsinhar.

Qed nippjanaw biex naħdmu fuq riċerka u rapport ta' evalwazzjoni ta' impatt soċjali fir-Reġjun. Ħa naraw kif ir-Reġjun jista' juża servizzi minn uffiċjal professjonali biex ngħinu lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun jibbenefikaw u jimmaniġġjaw programmi finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

Se nagħmlu l-isforzi tagħna biex inżommu l-għaqda u r-rispett bejn kulħadd biex kull individwu jħossu kburi li jagħmel parti minn dan ir-Reġjun

Flimkien mal-membri tal-Kunsill Reġjonali se nkomplu naħdmu biex noffru servizz ta' eċċellenza u biex xogħolna ikun jirrifletti governanza tajba, trasparenza u kontabiltà.

Jesmond Aquilina

President

# 2.0 Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri

## 2.1 Dikjarazzjoni tal-Missjoni

Namministraw ir-riżorsi finanzjarji tagħna b'mod għaqli biex inkunu nistgħu nagħtu l-aqwa servizz lill-lokalitajiet fi ħdan Reġjun Nofsinhar filwaqt li nkunu ta' spalla fil-ħidma tal-Kunsilli Lokali tagħna.

Nemmnu li meta naħdmu flimkien b'għan wieħed, kapaċi nagħmlu differenza fil-ħajja tar-residenti fil-komunitajiet tagħna.

## 2.2 Valuri

- Nirrispettaw lil kulħadd u nagħtu servizz ta' eċċellenza lill-Kunsilli Lokali, soċjetajiet, għaqdiet u residenti fil-lokalitajiet tagħna b'ugwaljanza u bla ebda diskriminazzjoni.
- Namministraw ir-riżorsi finanzjarji bl-aktar mod għaqli u ġust.
- Tmexxija serja, effiċjenti, miftuħa, b'governanza tajba, bi trasparenza u kontabiltà.
- Insostnu l-impenn soċjali fil-komunitajiet tagħna u naħdmu għall-bżonnijiet ta' oqsma speċifiċi u aċċessibiltà għal kulħadd.

# 3.0 Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji

## 3.1 Riżultati għal qasir żmien u riżultati mistennija

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
| --- | --- |
| Naraw kif ir-riżorsi finanzjarji jintefqu u nżommu mal-estimi għas-servizzi li nixtru. | Ir-riżorsi finanzjarji jitħaddmu bl-aktar mod għaqli. |
| Titjib fis-servizz lill-komunità b'aktar effiċjenza u komunikazzjoni aħjar. | Jinżammu aġġornati s-siti soċjali u l-websajt biex ir-residenti jkunu informati b'dak kollu li jkun għaddej. |
| Governanza tajba, trasparenza u kontabiltà. | Ir-rapporti finanzjarji jsiru fil-ħin u skont il-proċeduri u jiġu ppubblikati fuq il-websajt biex ikunu aċċessibbli għal kulħadd. |

## 3.2 Għanijiet għal żmien fit-tul (2019 – 2021)

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
| --- | --- |
| Insaħħu l-kultura Maltija u l-isport fil-lokalitajiet tar-Reġjun. | Inizjattivi u għajnuna lill-Kunsilli Lokali għal attivitajiet kulturali u sportivi.<br><br>Festa Nar tibqa' tittella' u ssir ħidma biex il-livell jibqa' jitjieb minn sena għal oħra. Terġa' tibda tittella' SportsFest u naraw kif naħdmu ma' setturi oħra f'inizjattivi varji Fuq bażi reġjonali. |
| Aktar għarfien fost il-pubbliku inġenerali fuq il-ħidma ta' Reġjun Nofsinhar. | Inizjattivi, attivitajiet u proġetti b' kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali. |
| Inżommu l-istaff amministrattiv aġġornat u mħarreġ biex noffru servizz ta' eċċellenza f'dak kollu li nagħmlu. | Jingħata u jiġi offrut taħriġ fejn jinħass il-bżonn biex nibqgħu nagħtu l-aqwa servizz lill-komunitajiet fil-lokalitajiet tagħna. |

| | |
|---|---|
| | Nemmnu li attivitajiet ta' team building jgħinu biex l-istaff jaħdem aktar b'sinerġija u jżomm magħqud. |
| Nokkoordinaw ma' entitajiet edukattivi u mal-Kunsilli Lokali f'inizjattivi edukattivi fil-lokalitajiet tar-Reġjun. | Ir-residenti jkollhom għajnuna biex jgħollu l-livell edukattiv u jtejbu l-ħiliet tagħhom. |
| Naraw kif nistgħu noffru assistenza minn uffiċjal professjonali lill-Kunsilli Lokali tar-Reġjun biex ikunu jistgħu jibbenefikaw u jimmaniġġjaw programmi jew proġetti finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea. | Il-Kunsilli Lokali jkollhom aktar għarfien fuq programmi finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea filwaqt li jkollhom assistenza matul il-fażijiet kollha tal-programm jew proġett. |

## 3.3 Strateġiji

Il-Kumitat Reġjonali qed jara li jagħmel reviżjoni ta' dawn il-miri minn żmien għal żmien u fejn jinħass il-bżonn lest li jadotta sistemi ġodda biex jara li dawn il-miri jintlaħqu.

L-istrateġiji li qed nesiġu fuqhom huma:

- Inkomplu nsaħħu l-komunikazzjoni u r-rispett bejn il-membri tal-Kumitat Reġjonali, il-Kunsilli Lokali u r-residenti fil-lokalitajiet rispettivi.
- Naħdmu biex is-servizz li jingħata lill-komunitajiet tar-Reġjun ikun wieħed ta' eċċellenza fejn tispikka l-effiċjenza, l-ugwaljanza, il-governanza tajba, it-trasparenza u l-kontabiltà.
- Jintużaw l-aħjar metodi ta' tmexxija.
- Nisfruttaw għajnuniet, skemi ta' fondi u proġetti li jagħmlu ġid lill-lokalitajiet tar-Reġjun.
- Insaħħu l-ħidma fil-qasam ambjentali, soċjali, kulturali, edukattiv, sportiv, turistiku u tat-teknoloġija tal-informatika.
- Naħdmu ma' Ministeri, Dipartimenti, Entitajiet Governattivi u setturi oħra biex ngħinu u nsaħħu l-ħidma tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

# 4.0 Struttura u Organizzazzjoni

L-istruttura ta' Reġjun Nofsinhar hi komposta kif ġej:




Din l-istruttura tippermetti li l-Kumitat Reġjonali jwettaq b'mod effiċjenti l-ħidma tiegħu. Il-President flimkien mal-membri, imexxu l-pjan tal-ħidma tagħhom. Ix-xogħol tal-amministraturi u l-istaff kollu jkun li jeżegwixxu l-pjanijiet tagħhom bl-aktar mod effettiv. Is-sezzjoni tal-Amministrazzjoni hi komposta mis-Segretarju Eżekuttiv, Deputat Segretarju Eżekuttiv u Reġistratur, Deputat Reġistratur, Assistent Prinċipal u Skrivan.

Is-sezzjoni tal-manutenzjoni hi komposta minn Supervisor u żewġ impjegati oħra, ilkoll ħaddiema tal-RSSL. Dawn, fost affarijiet oħra, jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalitajiet li jagħmlu parti mir-Reġjun fuq ftehim bejn is-Sindku tal-lokalità, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Supervisor ta' din is-sezzjoni.

Il-ħidma tagħna tibqa' dejjem imsejsa fuq prinċipji u valuri sodi li jagħmlu dan ir-Reġjun wieħed magħqud, li jaħdem b'sinerġija u għaqda. Il-pilastri tagħna huma governanza tajba, trasparenza u kontabiltà. Kull individwu fit-tim tar-Reġjun hu importanti u għandu x'joffri. Ix-xogħol ta' kull wieħed u waħda minnhom għandu valur. Nemmnu li meta jinħoloq ambjent ta' rispett u dinjità bejn kulħadd waqt ix-xogħol, ir-riżultat aħħari ikun dejjem wieħed ta' suċċess. Dan is-suċċess isarraf f'koordinament bejn ir-Reġjun u l-Kunsilli Lokali kollha fi ħdanu filwaqt li jkun rifless f'lokalitajiet isbaħ fejn ir-residenti jgħixu ħajja aħjar.

Flimkien irridu naħdmu għal kwalità ta' ħajja aħjar fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

Philip Carabott

Segretarju Eżekuttiv

# 5.0 Tbassir Finanzjarju

| | Budget 2022 (12months) € | Budget 2021 (12months) € | Budget 2020 (12months) € |
|---|---|---|---|
| **Revenue** | | | |
| Government Allocation | 650,000 | 650,000 | 650,000 |
| Ticket issued and Paid | | | |
| Income from drug possession | 2,000 | 2,000 | 2,000 |
| Salary Reimbusement from Lesa | 103,650 | 102,342 | 100,655 |
| Grant | | | |
| Administrative Fee | 2,000 | 2,000 | 2,000 |
| AGM Fee | | | |
| Bank Interest | | | |
| Grants - mainly AKL | 50,000 | 50,000 | 50,000 |
| General Income | 200 | 200 | 200 |
| | 807,850 | 806,542 | 804,855 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal emoluments | 160,636 | 157,594 | 154,723 |
| Accountancy Software | | | |
| Advertising re Tender Notice | | | |
| Annual Plenary Session | | | |
| Authorized Office Fee | | | |
| Bank Charges and Interest | 261 | 238 | 220 |
| Casual Labour re Handy Man | 9,317 | 8,470 | 7,700 |
| CCTV Installation Costs | - | - | - |
| CCTV Monitoring Costs | - | - | - |
| Cleaning & Laundry Cost | 9,317 | 8,470 | 7,700 |
| Computer Maintenance Agreement | 1,517 | 1,379 | 1,254 |
| Depreciation | 1,200 | 1,019 | 2,190 |
| General Expenses | 133 | 121 | 110 |
| Health Insurance | 532 | 484 | 440 |
| Insurance including Money Insurance | 685 | 666 | 605 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Legal Fees | 3,298 | 2,998 | 2,726 |
| LES Consultant Cost | - | - | - |
| LES Services | - | - | - |
| Licences | 160 | 145 | 132 |
| LTD Management Fee and LCA Management Fee re on line payment | - | - | - |
| Motor Vehicles Insurance, Licences & Fuel including parking | 4,659 | 4,235 | 3,850 |
| Other Hospitality Costs including network lunch/team building sessions | 9,317 | 8,470 | 7,700 |
| Postage, Photocopies, Printing & Stationery | 8,652 | 7,865 | 7,150 |
| Provision for Bad Debts | - | - | - |
| Prosecution Fee | - | - | - |
| PR Co-ordinator & Material | - | - | - |
| Professional Fees - Accountant | 12,320 | 12,320 | 12,320 |
| Professional Fees - DPO from 1st June | 6,958 | 6,325 | 5,750 |
| Professional Fees - EU Funds Officer | 12,000 | 12,000 | 6,000 |
| Rent Payable | - | - | - |
| Repairs & Maintenance | 10,648 | 9,680 | 8,800 |
| Refunds re LES Fines | - | - | - |
| Security Services | - | - | - |
| Subscription | 87 | 79 | 72 |
| Telephone & Communication Costs | 3,328 | 3,025 | 2,750 |
| Training | - | - | - |
| Tribunal Cost | 8,652 | 7,865 | 7,150 |
| Transportation | - | - | - |
| Travelling Overseas | - | - | - |
| Uniform / Insigna | 3,328 | 3,025 | 2,750 |
| Warden Services including speed tickets | - | - | - |
| Web Site | 532 | 484 | 440 |
| Water & Electricity Consumed - Office | 2,928 | 2,662 | 2,420 |
| Bad Debts | - | - | - |
| Under-provision of LES expenses | - | - | - |
| Administration and other expenditure | 109,828 | 105,870 | 90,228 |

**Budget 2020**

| | |
|---|---|
| **Revenue including government allocation** | 804,855 |

| | |
|---|---|
| **Expenditure** | |
| personal emoluments | 154,723 |
| administration - including DPO, Accountant and EU Officer | 90,228 |
| projects - restoration of facade | 25,000 |
| **Regional Activities** | |
| Festa Nar 2020 | 68,000 |
| Sportsfest | 15,000 |
| Activity with philarmonic societies | 20,000 |
| Activities in conjunction with local councils | 20,000 |
| **Initiatives** | |
| CCTV | 28,000 |
| Community Officers | 35,000 |
| Environmental Initiatives | 56,000 |
| Overseas travel | 5,000 |
| Christmas street decorations | 14,000 |
| Cultural activity | 70,000 |
| Sports activity | 35,000 |
| Educational initiative | 14,000 |
| **Total expenditure** | 649,951 |

| | | |
|---|---|---|
| Other initiatives to be discussed | | 100,000 |
| Remaining balance | 54,904 | |

# 6.0 Żvilupp Kapitali

Għal dawn it-tliet snin li ġejjin, Reġjun Nofsinhar se jkompli għaddej bix-xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalitajiet tiegħu. Se jkompli għaddej b'diversi skemi ta' għajnuna u inizjattivi oħra. Se nsaħħu l-ħidma tagħna fil-qasam ambjentali, kulturali, soċjali, sportiv u edukattiv.

Se naħdmu biex Festa Nar tibqa' tkun waħda mill-attivitajiet kulturali ewlenin F'Malta u se nerġgħu nibdew norganizzaw Sportsfest wara nuqqas ta' ftit snin. Se naraw kif nistgħu naħdmu ma' setturi oħra fuq inizjattivi ġodda.

Se naħdmu biex noffru għajnuna u assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali biex jibbenefikaw u jimmaniġġjaw programmi finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

Proġett ieħor li biħsiebna nwettqu matul dan iż-żmien hu r-restawr tal-faċċata tal-bini amministrattiv tar-Reġjun. Qed tibda tinħass ukoll il-ħtieġa ta' manutenzjoni tal-uffiċċju amministrattiv inkluż organizzazzjoni mill-ġdid tat-tqassim tal-uffiċini, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' spazju għaż-żamma ta' dokumenti u files. L-ispazju tal-uffiċċju amministrattiv hu limitat u dan qed joħloq sfidi ġodda hekk kif ix-xogħol qed jiżdied.

Hekk kif il-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali qed jifirxu aktar il-ħidma tagħhom, se tibda tinħass il-ħtieġa li jiżdied in-numru tal-istaff amministrattiv. Għadna qed nistennew direzzjoni fuq ir-

responsabbiltà tat-Tribunal Lokali jekk hux se jibqa' jitmexxa mir-Reġjun. Din id-direzzjoni neħtiġuha sabiex tkun tista' issir evalwazzjoni fuq it-tqassim tar-riżorsi umani fl-amministrazzjoni. Nixtiequ direzzjoni aktar ċara jekk id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali hux se tipprovdi uffiċjal espert biex jassisti lill-Kunsilli Lokali fi programmi finanzjati mill-Unjoni Ewropea jew inkella jridx jaħseb għalih ir-Reġjun. Jekk Reġjun Nofsinhar se jkun qed iġorr ir-responsabbiltajiet kollha hu, inkluż it-Tribunal Lokali, dan ifisser li minbarra riżorsi umani se jkollu bżonn ukoll aktar riżorsi finanzjarji.

---------------------------------------------- Tmiem ----------------------------------------------